**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 707/97

Mario Cachia

vs

Korporazzjoni Telemalta u b' digriet tal-15 ta' Gunju 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 6 ta' Mejju 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990, 1993 u l-1994 huwa sofra ingustizzja f'li ma thallasx ghal xoghol zejjed li kien ghamel u ma nghatax promozzjoni illi kien jimmeritah.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem mal-Korporazzjoni intimata fl-1983 bhala inginier. Fl-1986 huwa gie appuntat fil-grad ta' Professional Officer III u sussegwentement, inghata l-inkarigu illi jmexxi is-sezzjoni tal-Planning and Works fi hdan l-istess Korporazzjoni intimata.

Fl-1989, minhabba l-fatt illi l-istess sezzjoni tal-Planning and Works ma kellhiex bizzejjed inginiera fi hdanha, ir-rikorrent kellu jahdem total ta' tlett mitt (300) siegha zejda tul l-istess sena. Tant kien hemm nuqqas ta' Inginiera illi fl-1990 din is-sezzjoni inqasmet fi tnejn u gew appuntati Kap iehor flimkien ma' tliet inginiera. Fis-sebgha (7) ta' Frar ta' l-1990 ir-rikorrent ghamel talba lill-General Manager tal-Korporazzjoni intimata ghall-hlas ta' dawn is-sieghat zejda illi l-istess rikorrent hadem tul is-sena 1989, u f'Dicembru ta' l-1990 permezz tas-Segretarju tat-Taqsima Parastatali u tal-Poplu tal-General Workers Union, is-sur Lino Debono, saret talba ohra biex ir-rikorrent jithallas incentiv ghax-xoghol illi kien sar lill-istess rikorrent bejn Frar u Marzu tal-1990.

Ta min josserva l-fatt illi kollegi tar-rikorrent thallsu kemm ghax-xoghol zejjed li kienu ghamlu tul l-1989 kif ukoll somma bhala incentiv ghax-xoghol illi kien sar bejn Frar u Marzu tal-1990, filwaqt illi ir-rikorrent qatt ma nghata l-ebda hlas f'dan ir-rigward.

F'April ta' l-1993 il-Korporazzjoni intimata, minghajr l-ebda sejha ghal applikazzjonijiet appuntat lill-Inginier Martin Rizzo bhala

Project Manager. Ix-xoghol tal-Project Manager kien li jikkoordina ix-xoghol tas-sezzjonijiet tal-Planning and Works, u fost ohrajn l-istess Project Manager kellu Performance Contract ghal tliet (3) snin. Ta' min josserva illi avolja l-Inginier Martin Rizzo u r-rikorrent dahlu jahdmu mal-Korporazzjoni intimata fl-istess zmien, ir-rikorrent kellu aktar minn (3) snin esperjenza fi hdan din is-sezzjoni mill-Inginier Martin Rizzo. Barra minn hekk, filwaqt illi r-rikorrent kien jahdem fi hdan din is-sezzjoni fl-1993 l-Inginier Martin Rizzo ma kienx jahdem fi hdan l-istess sezzjoni meta huwa gie appuntat Project Manager f'April ta' l-1993.

Meta ghall-ewwel, l-istess Inginier Martin Rizzo irrifjuta din il-kariga l-istess kariga giet offruta lill-Inginiera Paul Montanaro u Joseph Bugeja, liema Inginiera gew appuntati bhala Professional Officers III fl-1992. Dan minbarra l-fatt illi l-Inginier Joseph Bugeja ma kellu l-ebda esperjenza fi hdan is-sezzjoni li taghha kellu jkun responsabbli l-Project Manager. Ir-rikorrent, qatt ma gie offrut din il-kariga u kien biss fi Frar ta' l-1997 meta l-inginier Martin Rizzo ma riedx iggedded il-kuntratt tieghu, illi r-rikorrent nghata din il-kariga. Ta' min josserva, illi hadd qatt ma pprotesta ma' l-Awtoritjiet koncernati rigward l-kariga illi r-rikorrent inghata fi Frar ta' l-1997.

F'Novembru ta' l-1994, l-Inginier Joseph Bugeja, permezz ta' Performance Agreement, gie appuntat fil-post ta' Assistant General Manager networks fi hdan il-Korporazzjoni intimata. Dan sar wara sejha ghall-applikazzjonijiet u wara intervisti illi saru mis-Sur Anthony Debono, gia' General Manager tal-Korporazzjoni

intimata. Ir-rikorrent kien applika ghal din il-kariga, u ghal darb'ohra gie maqbuz minn persuna b'inqas esperjenza minnu. Barra minn hekk, ir-rizultati ta' din l-intervista qatt ma gew ppublikati.

Minhabba dawn l-ingustizzji, ir-rikorrent sofra danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad minn bosta promozzjonijiet li kien initolat ghalihom, u gie mcahhad minn hlas ghall-xoghol li ghamel ghall-istess Korporazzjoni intimata.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddiciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata r-rimedju billi jinghata l-hlasijiet illi huwa gie mcahhad minnhom ghax-xoghol zejjed illi ghamel mal-Korporazzjoni intimata u li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 ghad-danni illi huwa sofra meta huwa gie mcahhad minn promozzjonijiet illi huwa kien intitolat ghalihom u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ngustizzja fit-termini ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji b'rizultat ta' xi distinzjoni eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi dwar l-allegazzjoni tieghu dwar talba ghal kumpens ghal hlas ta' xoghol zejjed, ir-rikorrent irid jipprova l-fatti allegati minnu, inluz id-dritt tieghu li jithallas kif talab u li saret mieghu ingustizzja ghar-ragunijiet u fit-termini tal-ligi. Ghal kull buon fini pero` jigi rilevat illi xi ufficjali tal-korporazzjoni li ma kienux fi gradi intitolati ghas-sahra kienu gew moghtija kumpens fuq rakkomandazzjoni ta' kumitat imwaqqaf apposta, minhabba cirkostanzi partikolari. Ma jidhirx li r-rikorrent kien meqjus bhala li jidhol fl-istess kriterji.

3. Illi dwar il-hatra ta' Project Manager, huwa veru li kien gie mahtur Martin Rizzo minghajr minn dak li jirrizulta mill-files, ma kien hemm sejha ghall-applikazzjonijiet. B'danakollu ma jirrizultax li b'din il-hatra gie pregudikat ir-rikorrent minhabba li ma kellu ebda jedd li jigi ikkunsidrat u/jew maghzul huwa ghall-dik il-kariga.

4. Illi dwar il-hatra ta' Assistant General Manager (Networks) l-ghazla saret mill-General Manager wara interview u fuq il-bazi ta' kemm ta' l-esperjenza u kwalifiki u kemm ta' kriterji ohra mehtiega ghall-kariga simili.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**KOMPETENZA:**

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda zewg aspetti:

- Nuqqas ta' hlas ta' overtime maghmul mir-rikorrent;
- Nuqqas ta' promozzjonijiet.

Dwar in-nuqqas ta' hlas ta' overtime gie diversi drabi ritenut minn dan it-Tribunal li din it-talba tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal sakemm ma tkunx parti integrali u bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' hatra jew promozzjoni, jew kawza ta' transfer ingust.

Fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999, it-Tribunal qal:

"F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn

ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-Att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u

ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-

Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**,…"

Ghalhekk it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma hux kompetenti "ratione materiae" biex jezamina kazijiet ta' ilmenti dwar hlas ta' overtime u allowances jekk tali nuqqas ma jkunx konsegwenza li bniedem gie imcahhad minn hatra jew gie trasferit ingustament. Ara wkoll Mizzi Alessio vs Ufficjal inkarigat mill-Ufficju Elettorali 24/1/2001, u Emmanuel Camilleri vs Direttur Generali MPO 5/9/00. Jekk ir-rikorrent ghandu rimedji ohra miftuha ghalih dawn jistghu jissussistu izda mhux taht dan l-Att.

**PROVI:**

Ghalhekk l-apprezzament tal-provi sejjer jigi limitat ghal dak li jirrigwarda nuqqas ta' hatra.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mal-Maltacom p.l.c. fl-1983 bhala Inginier, u fl-1986 lehaq Professional Officer III, u sussegwentement fl-1989 inghata l-inkarigu illi jmexxi s-sezzjoni tal-Planning and Works fl-External Plant. F'April ta' l-1993 il-kumpanija intimata wara li nehhiet lil Joe M. Pace mill-kariga ta' Head of Internal Telecommunications (External Plant) minghajr l-ebda sejha ghal applikazzjonijiet, appuntat lill-Inginier Martin Rizzo bhala Project Manager. Ix-xoghol tal-Project Manager kien li jikkordina ix-xoghol tas-sezzjonijiet tal-Planning and Works u fost ohrajn l-istess Porject Manager kellu Performance Contract ghall-3 snin. Ir-rikorrent u l-Inginier Martin Rizzo dahlu jahdmu mal-Kumpanija intimata fl-istess zmien, izda ir-rikorrent kellu aktar minn 3 snin esperjenza fi hdan din is-sezzjoni. Ukoll fl-assenza ta' Joe M. Pace, kien jassumi r-responsabilitajiet ta' din is-sezzjoni. Meta ghall-ewwel,

l-istess Inginier Martin Rizzo irrifjuta din il-kariga, l-istess kariga giet offruta lill-Inginiera Paul Montanaro u Joseph Bugeja liema inginiera gew appuntati bhala Professional Officers III fl-1992. Dan minbarra l-fatt illi l-Inginier Joseph Bugeja ma kellu l-ebda esperjenza fi hdan is-sezzjoni li taghha kellu jkun responsabbli l-Project Manager. Hu gie offrut din il-kariga biss fi Frar ta' l-1997 meta l-Inginier Martin Rizzo ma riedx iggedded il-kuntratt tieghu.

F'Novembru ta' l-1994 l-Inginier Joseph Bugeja, permezz ta' Performance Agreement gie appuntat fil-post ta' Assistant General Manager networks fi hdan il-kumpanija intimata. Dan sar wara sejha ghall-applikazzjonijiet u wara intervisti illi saru mis-Sur Anthony Debono gia General Manager tal-Kumpanija intimata. Ir-rikorrent kien applika ghal din il-kariga u ghal darb'ohra gie maqbuz minn persuna b'inqas esperjenza minnu. Barra minn hekk, ir-rizultati ta' din l-intervista qatt ma gew pubblikati. Meta s-sena l-ohra din is-sezzjoni tan-Networks inqasmet fi tnejn wara sejha ghall-applikazzjonijiet u intervista minn Bord ta' Ghazla, hu inghata din il-kariga. Minhabba dawn l-ingustizzji, sofra danni finanzjarji. Esebixxa hames dokumenti ta' l-OPM illi juru fis-snin 88, 89, jirreferu li fil-fatt ir-rizultati ta' l-interviews kellhom ikunu ppubblikati.

<u>David Buttigieg</u> rapprezentant tal-Maltacom p.l.c. xehed li dwar il-hatra ta' Project Manager ma jirrizultax li kien hemm xi sejha ghall-applikazzjonijiet. Martin Rizzo kien gie appuntat Project Manager mill-General Manager flimkien mac-Chairman. Ma kienx jaf jekk gewx interviewed nies ohrajn ghal dan l-

appointment. Qabel ma gie moghti din il-hatra Martin Rizzo kien jokkupa dawn il-posizzjonijiet:

Fl-1 ta' Dicembru 1983, kien maz-Zejtun line, imbaghad fl-1 ta' Jannar 1989 kien fis-Central Engineering Services, u fl-1 ta' Jannar 1993, kien lahaq Project Manager. Fis-6 ta' Frar 1997 rega lura ghal Head Operations & Maintenance (External Plans).

Is-Sur Cachia kien head fl-external plant mis-7 ta' Gunju 1987. Jirrizulta li kien hemm sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Asst. Gen. Manager Net Work. Esebixxa dok DB5 li huwa r-rapport li ghamel il-General Manager Chairman fir-rigward ta' din il-promozzjoni, kif ukoll fir-rigward ta' promozzjonijiet ohrajn. Ma kienx jaf jekk ir-rizultati ta' l-interview, fir-rigward ta' dan kienux gew ippubblikati. Skond il-procedura tal-Maltacom suppost jigu pubblikati fuq notice board, ghalkemm dawn huma gradi ta' top management, u ma jaqawx within the collective agreement, u ghalhekk ma kienx cert.

Semma li Joe Bugeja dahal mat-Telemalta dak iz-zmien fis-17 ta' Frar 1986 bhala Professional Officer I. Fl-1 t'Ottubru 1986 lahaq Professional Officer IIIA, fid-9 ta' Gunju 1992 lahaq P.O.III, fl-1 ta' Jannar 1994 il-grad tieghu gie assimilat bhala Principal Graduate Professional Officer imbaghad fl-1 ta' Novembru 1994 ha kariga ta' General Assistant Manager Networks u fit-8 ta' Mejju tas-sena 2000 gie mahtur bhala Acting Technical Director mal-Maltacom.

Rigward Martin Rizzo xehed li meta kien Project Manager kien ha dawn il-beneficcji fi flus minn Mejju 1993 sa Mejju 1995, ha Lm1774 bhala allowance ghal performance u bejn Gunju 1995 u Mejju 1996 ha performance bonus ta' Lm1024 u dak iz-zmien kellu salarju bazi ta' Lm 7200.

**KONKLUZJONIJIET**

Illi ghalhekk jirrizulta li f'April ta' l-1993 il-kumpanija intimata wara li nehhiet lil Joe M. Pace mill-kariga ta' Head of Internal Telecommunications (External Plant) minghajr l-ebda sejha ghal applikazzjonijiet, appuntat lill-Inginier Martin Rizzo bhala Project Manager b'decizzjoni tal-General Manager u tac-Chairman. Irrizulta li r-rikorrent u l-Inginier Martin Rizzo dahlu jahdmu mal-Kumpanija intimata fl-istess zmien, izda ir-rikorrent kellu aktar minn 3 snin esperjenza fi hdan din is-sezzjoni, oltre li fl-assenza ta' Joe M. Pace, kien jassumi r-responsabilitajiet ta' din is-sezzjoni. Meta ghall-ewwel, l-istess Inginier Martin Rizzo irrifjuta din il-kariga, l-istess kariga giet offruta lill-Inginiera Paul Montanaro u Joseph Bugeja [ma kellu l-ebda esperjenza fi hdan is-sezzjoni] liema inginiera gew appuntati bhala Professional Officers III fl-1992.

Ikkunsidra li dwar il-hatra fl-1993 tal-Inginier Martin Rizzo bhala Project Manager din ittiehdet mill-General Manager u mic-Chairman. Ma jidhirx li dan kien kontra l-Ftehim Kollettiv minhabba li fil-gradi gholja specjalment certu zmienijiet din kienet possibli. Izda hawn wiehed irid jiftakar li f'hatriet mal-Gvern u korpi parastatali wiehed ma jistax jaqbad u jappunta lil min ghandu

grazzja mieghu ghal diversi ragunijiet, izda xorta wahda hemm l-obbligu li jintghazel l-ahjar skond diversi kriterji stabbiliti bhala ma huma l-anzjanita`, kwalifiki, esperjenza f'dak il-qasam, leadership qualities u efficjenza, personalita`. Sfortunatament dan id-dover jintesa. Issa fil-kaz in ezami rrizulta li r-rikorrent u l-Inginier Martin Rizzo dahlu jahdmu mal-Kumpanija intimata fl-istess zmien, izda ir-rikorrent kellu aktar minn 3 snin esperjenza fi hdan din is-sezzjoni, oltre li fl-assenza ta' Joe M. Pace, kien jassumi r-responsabilitajiet ta' din is-sezzjoni. Meta ghall-ewwel, l-istess Inginier Martin Rizzo irrifjuta din il-kariga, l-istess kariga giet offruta lill-Inginiera Paul Montanaro u Joseph Bugeja [li ma kellu l-ebda esperjenza fi hdan is-sezzjoni] liema inginiera gew appuntati bhala Professional Officers III fl-1992. Ghal xi raguni s-socjeta' intimata baqghet ma taghat ebda raguni ghaliex ma intaghazilx ir-rikorrent. Hawn ma ghandiex biss il-kaz li forsi Rizzo kien mizmum bhala aktar idoneju ghall-post in kwistjoni, izda meta saret ukoll l-offerta lil Montanaro u Bugeja, kienet ovvja l-intenzjoni tal-eskluzjoni tar-rikorrent. Kieku s-socjeta` intimata ghazlet li taghti xi raguni ghaliex ir-rikorrent thalla barra kieku forsi din ir-raguni setghet tissodisfa lit-Tribunal izda minghajr ma sar ebda interview, minghajr ma nghatat raguni, bil-fors li t-Tribunal ikollu jsib dan l-aspett tal-ilment gustifikat ghax tirrizulta l-ingustizzja kif imsemmija fil-Kap 394. Kawza ta' dan ir-rikorrent minflok ma sar Project Manager f'April, 1983 lahaq fi Frar 1997.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll li f'Novembru ta' l-1994 l-Inginier Joseph Bugeja, permezz ta' Performance Agreement gie appuntat

fil-post ta' Assistant General Manager Networks fi hdan il-kumpanija intimata. Dan sar wara sejha ghall-applikazzjonijiet u wara intervisti illi saru mis-Sur Anthony Debono General Manager tal-Kumpanija intimata. Ir-rikorrent sostna li kien applika ghal din il-kariga u ghal darb'ohra gie maqbuz minn persuna b'inqas esperjenza minnu. Barra minn hekk, ir-rizultati ta' din l-intervista qatt ma gew pubblikati. Is-Sur Buttigieg esebixxa rapport li ghamel il-General Manager fir-rigward ta' din il-promozzjoni.

Il-posizzjoni tidher differenti f'dan il-kaz ghax hawn ghall-anqas sar interview u hawn ir-rikorrent ma gabx il-provi hu stess dwar il-kwalitajiet tieghu u dawk tal-applikanti l-ohra. Qaghad biss fuq il-fatt li min ha l-kariga kellu anqas esperjenza minnu minghajr ma dahal go tant dettalji dwar dan l-aspett. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan mhux sufficjentement ippruvat. Ghal din ir-raguni t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata f' dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-ilment f'dak li jirrigwarda hlas ta' overtime, jichad f'dak li jirrigwarda l-kariga ta' Assistant General Manager Networks, izda jsib l-ilment gustifikat f'dak li jirrigwarda l-Post ta' Project Manager. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat f'dak li jirrigwarda Project Manager jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Project Manager minn April, 1993, u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.